11 ta' Diċembru, 1948.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Avv. Dr. Joseph Desira Butigieg ne. *versus* Raffaele Vassallo pr. et ne.

**Rexissjoni, Nullità, u Ineżistenza ta' Att — Preskrizzjoni — Art. 2248 u 1266 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni ta' sentejn jew dik ta' ħames snin, li l-liġi tippreskrivi f'materja ta' nullità u rexissjoni ta' kuntratti, tirriferixxi għall-azzjoni ta' nullità jew rexissjoni biex jiġi annullat kuntratt għax ikun nieqes minn xi waħda mill-kondizzjonijiet neċessarji għall-eżistenza tiegħu, jew għaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leżiv għal xi wieħed mill-kontraenti fil-każijiet li fihom il-liġi tippermetti r-rexissjoni; imma meta l-azzjoni jkollha bħala oġġett tagħha li tiġi dikjarata l-ineżistenza ta' l-att, il-preskrizzjoni hija dik ta' tletin sena.*

*F'dan l-aħħar każ ma jistax jingħad li l-azzjoni biex tiġi dikjarata dik l-ineżistenza ma hix preskrivibili.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta li l-konvenuti, b'ċitazzjoni fl-ismijiet inversi pendenti quddiem din il-Qorti talbu, fost domandi oħra, il-likwidazzjoni ta' l-assi ereditarju ta' l-imsemmija Virginia

ohthom, u ppretendew li jagħmlu parti minn dak l-assi l-oġġetti eżistenti li baqa' minn dawk indikati fir-riċevuta datata 17 ta' Marzu 1915 u fil-kuntratt in atti Giovanni Chapelle ta' l-14 ta' Marzu 1917, billi ppretendew li bl-ewwel dokument ġew akkwistati minn Francesca Vassallo ommhom, u bit-tieni dokument ġew minnha assenjati dota lil binthа Virginia fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha man-Nutar Luigi Gauci Forno; u illi tant ir-riċevuta fuq imsemmija, kemm il-kuntratt fuq imsemmi, saru fittizjament biex jsru trasferiment ta' dawk l-oġġetti li ma sarx, għaliex l-oġġetti kienu tan-Nutar Luigi Gauci Forno u baqgħu dejjem fil-pussess u proprjetà tiegħu; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi tant ir-riċevuta tas-17 ta' Marzu 1915, kemm il-kuntratt ta' l-14 ta' Marzu 1917, fuq imsemmija, saru fittizjament, u li huma ta' l-ebda effett legali għal-fini tat-trasferiment intiż bihom; u dan għaliex l-oġġetti fihom indikati qatt ma kienu fil-pussess ta' Francesca Vassallo. Bl-ispejjeż:

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni:

Illi l-attur nomine jippretendi, kif jirriżulta min-nota tiegħu tas-27 ta' Jannar 1948, li ladarba l-att, sew tal-kitba taż-żwieġ sew tar-riċevuta tas-17 ta' Marzu 1915, rilaxxjata mill-Markiż Cassar Desain, indikati fl-att taċ-ċitazzjoni, huma nulli billi fittizji, ebda preskrizzjoni ma hija ammissibili, lanqas dik ta' tletin sena;

Illi però, kif tajjeb irrilevaw il-konvenuti fin-nota tagħhom tal-5 ta' Frar 1948, il-pretensjoni ta' l-attur nomine hija kuntrarja għad-dispożizzjoni ta' l-art. 2248 tal-Kodiċi Civili, fejn jingħad illi l-azzjonijiet kollha, reali, personali jew misti, jaqgħu bil-preskrizzjoni għeluq tletin sena; u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi; u l-preskrizzjoni applikabili għall-każ hija appuntu dik ta' tletin sena invokata mill-konvenuti nomine. U difatti, l-attur nomine, bl-eżerċizzju ta' l-azzjoni odjerna, irid jasal biex jottjeni dikjarazzjoni ta' l-ineżistenza ta' l-att, għaliex il-partijiet ma kellhomx il-ħsieb li jattribwulu eżistenza legali jew effikaċja, u allura mhix applikabili l-preskrizzjoni kwinkwennali, u lanqas dik ta' sentejn stabbilita fl-art. 1266 tal-Kodiċi Civili; għaliex dawk il-preskrizzjo-

nij'et jirrigwardaw l-azzjoni ta' nullità u ta' rexissjoni biex jiġi annullat kuntratt li jkun nieqes minn xi waħda mill-kondizzjonijiet neċessarji għall-eżistenza tiegħu, jew għaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leżiv għal xi wieħed mill-kontraenti, fil-każijiet li hija permessa r-rexissjoni għal kawża ta' leżjoni Imma meta l-azzjoni bħal dik odjerna jkollha bħala skop id-dikjarazzjoni ta' l-ineżistenza ta' l-att, allura l-azzjoni, għar-raġunijiet fuq indikati, hija soġġetta għall-preskrizzjoni ta' 30 sena stabbilita fiċ-ċitat art. 2248 tal-Kodiċi Ċivili. Hekk ġie ritenut minn dina l-Qorti fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Grech vs. Zammit", deċiża fis-16 ta' Novembru 1898, konformement għal dak li ġie ritenut mill-Kassazzjoni ta' Ruma fil-11 ta' Marzu 1885, u minn dik ta' Torino fit-30 ta' Gunju 1886 (Kollez. Vol. XVI-II-332); u għalhekk, peress li għaddew aktar minn 30 sena mill-jum li fih saru l-attijiet fuq indikati, li l-attur nomine qiegħed jitlob li jiġu dikjarati ineżistenti;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tletin sena sollevata mill-konvenuti, u kwindi tiċħad it-talbiet ta' l-attur nomine; bl-ispejjeż.